



L-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar (SBA) huwa l-inizjattiva politika ewlenija dwar l-SMEs tal-UE li jinkludi għaxar prinċipji li għandhom jiggwidaw it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri tagħha. Dawn il-prinċipji huma ta' importanza fundamentali għall-iżvilupp tal-folji informattivi. L-ewwel sezzjoni turi l-importanza u l-istruttura tal-SMEs fil-pajjiż. Sezzjonijiet 2 u 3 janalizzaw, għal kull wieħed mill-prinċipji tal-SBA, il-pożizzjoni tal-pajjiż meta mqabbla mal-medja tal-UE, filwaqt li sezzjoni 4 tagħti farsa ġenerali lejn l-iżviluppi politiċi skont l-istess prinċipji u sezzjoni 5 tippreżenta eżempju ta' prattika tajba.

Il-Folji Informattivi ta' pajjiż jikkontribwixxu għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-SBA fuq livell nazzjonali. Madankollu, il-Folji Informattivi tal-SBA mhumiex strumenti biex jitħallew għalihom. Ma jikkostitwixxux valutazzjoni komprensiva tal-politiki tal-Istati Membri u għandhom jitqiesu bħala **suppliment għal**, u **mhux sostitut għal**, pubblikazzjonijiet disponibbli fuq livell nazzjonali. Jekk jogħġbok irreferi għan-nota metodoloġika qabel taqra din il-Folja Informattiva tal-SBA.

Informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-pajjiżi kollha koperti b'dan l-eżerċizzju, kif ukoll il-folji informattivi kollha tal-pajjiżi individwali, jistgħu jinstabu minn:

http://ec.europa.eu/enterprise/policies/sme/facts-figures-analysis/performance-review/index_en.htm

1. L-SMEs f'Malta – figuri bażiċi

SMEs f'Malta: ċifri bażiċi għall-ekonomija tan-negozju mhux finanzjarju, 2008*

	Impriżi			Impjegi			Valur miżjud		
	Malta		EU-27	Malta		EU-27	Malta		EU-27
	Numru	%	%	Numru	%	%	Biljun €	%	%
Mikro	32 671	95.7%	91.8%	46 429	40.3%	29.7%	1	27.9%	21.0%
Żgħar	1 208	3.5%	6.9%	20 965	18.2%	20.7%	1	19.0%	18.9%
Ta' daqs medju	209	0.6%	1.1%	21 105	18.3%	17.0%	1	16.9%	18.0%
SMEs	34 088	99.9%	99.8%	88 499	76.8%	67.4%	2	63.8%	57.9%
Kbar	39	0.1%	0.2%	26 731	23.2%	32.6%	1	36.2%	42.1%
Total	34 127	100.0%	100.0%	115 230	100.0%	100.0%	3	100.0%	100.0%

Id-dejta tirreferi għall-ekonomija tan-negozju mhux finanzjarju (NACE C-I, K).
 Estimi EIM ibbażati fuq id-dejta SBS tal-Eurostat tal-2006.

Is-settur tal-SMEs¹ f'Malta għandu struttura fuq skala relattivament żgħira: il-perċentwal ta' mikrointrapriżi hija ogħla mill-medja Ewropea.


Il-kontribuzzjoni tal-SMEs Maltin għall-ekonomija globali hija – meta mqabbla mal-medja tal-UE – għal dik ta' intrapriżi kbar hija – f'termini tal-UE – iktar importanti.

B'mod partikolari l-kontribuzzjoni tal-mikrointrapriżi għax-xogħol f'Malta (40%) hija ogħla mill-medja Ewropea (30%). B'konsegwenza ta' dan, il-kontribuzzjoni tas-settur totali tal-SMEs għax-xogħol (77%) f'Malta hija komparattivament ogħla mill-medja fl-UE.

¹ Il-figuri fit-tabella, li jkopru dejta fuq il-livell nazzjonali kif ukoll l-aggregati tal-UE tas-27, ġew idderivati mid-dejta SBS tal-Eurostat għall-2006 wara stima u metodoloġija issa fis-seħħ żviluppata mir-Riċerka tal-EIM dwar in-Negozju u l-Politika. Għal iktar dettalji, jekk jogħġbok ara n-nota metodoloġika li takkumpanja din il-karta ta' fatti. Il-vantaġġ li tintuża dejta mill-Eurostat huwa li l-istatistika minn pajjiżi differenti ġiet armonizzata u hija kumparabbli madwar il-pajjiżi. L-iżvantaġġ huwa li għal xi pajjiżi din id-dejta hija differenti mid-dejta ppubblikata minn awtoritajiet nazzjonali.




Numru ta' SMEs, indiċi, 2002 = 100




Mill-2002 sal-2008, is-sehem ta' SMEs kiber bi 12%, li huwa ftit inqas meta kkumparat mat-tkabbir medju tal-UE (13%). B'mod partikolari, is-sehem ta' intrapriżi ta' daqs medju niżel.

Impjieg fl-SMEs, indiċi, 2002 = 100



Fil-perjodu 2002-2008 it-tkabbir tax-xogħol tal-SMEs Maltin varja bi tnaqqis globali ta' 2%, li huwa ferm inqas mit-tkabbir medju tal-UE ta' 12%. Ix-xogħol naqas b'mod partikolari fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Valur miżjud maħluq mill-SMEs, indiċi, 2002 = 100



Il-valur miżjud għall-SMEs kiber kważi b'mod kostanti bi 19%, li huwa madankollu ferm inqas mit-tkabbir medju tal-UE ta' 28%.




2. Il-profil SBA ta' Malta

Din is-sezzjoni tippreżenta l-prinċipji differenti tal-SBA, u tikkumpara l-figuri għal Malta mal-medja tal-UE-27.

L-analiżi tiddistingwi bejn żewġ tipi ta' indikaturi: dawk li ntużaw biex jiġi kkalkulat punteġġ għal kull wieħed mill-prinċipji SBA, u barra minn hekk f'it indikaturi li jipprovdu informazzjoni interessanti iżda li ma jkoprox biżżejjed pajjiżi biex jiġu inklużi f'dak il-kalkolu.

Kif inhu viżibbli fiċ-ċart, il-medji tal-pajjiżi huma disponibbli għal prinċipju SBA wieħed biss – Suq waħdieni – fejn il-figuri għal Malta jiżvelaw prestazzjoni ogħla mill-medja. Filwaqt li mhux immedjatament ċar għalfejn sorsi internazzjonali uffiċjali ta' dejta, b'mod partikolari l-Eurostat, fihom relattivament inqas statistika għal Malta milli għall-Istati Membri, bħala soluzzjoni pramatika sekondarja, il-karta ta' fatti tiffoka fuq indikaturi individwali li għalihom teżisti dejta fiż-żoni SBA differenti. Jekk jogħġbok ara l-anness għal dekrizzjoni metodoloġika qasira.



I. Intraprenditorija

Fin-nuqqas ta' medja għas-sezzjoni għal Malta, xi wħud mill-ftit indikaturi disponibbli, madankollu, jipuntaw għal sfidi speċifiċi: F'Malta, ir-rata ta' intrepnditorija, imkejla bħala s-sehem ta' adulti li bdew negozju li għadu attiv jew li qegħdin attwalment jieħdu passi biex jibdew wieħed (5%) hija sostanzjalment taħt il-medja tal-UE ta' 24%. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni dwar l-intraprenditorija tagħti wkoll riżultati taħt il-medja. Din tal-aħħar hija kemmxejn ikkwalfikata mill-fatt li f'Malta hemm perċentwal ogħla ta' nies mill-medja tal-UE li jaħsbu li l-edukazzjoni fl-iskejjel għenet biex tiġi żviluppata attitudni intraprenditorjali (66% v. 53% fl-UE). Għall-indikaturi li jifdal (ix-xewqa li wieħed jaħdem għal rasu, il-prevalenza ta' intraprendituri tal- opportunità) Malta hija fuq l-istess livell mal-medja tal-UE-27.

II. It-tieni opportunità

Għal Malta hemm biss indikatur wieħed x'jiġi rrapportat: is-sehem ta' ċittadini li jaqblu (ħafna) mad-dikjarazzjoni, li n-nies li bdew in-negozju tagħhom stess u fallw għandhom jingħataw it-tieni opportunità, huwa fuq l-istess livell mal-medja tal-UE-27.

III. Aħseb l-ewwel fiż-żgħir

It-tliet indikaturi disponibbli għal Malta ma jipprovdux stampa ċara f'dan il-qasam. Filwaqt li l-indikatur li jkejjel iż-żmien meħtieġ biex ikun hemm konformità mal-obbligi amministrattivi bħala perċentwali tal-ħin tax-xogħol totali tal-SMEs jagħti valur iktar baxx u, għalhekk, aħjar għal Malta meta kkumparat mal-medja tal-UE, is-sehem ta' SMEs li jiddikjaraw li ltaqgħu ma' diffikultajiet fl-aħħar sentejn mar-regolamenti amministrattivi huwa ogħla mill-medja tal-UE u s-sehem ta' SMEs li huma kuntenti bir-regolamenti attwali huwa eżatt fuq il-livell tal-medja tal-UE.

IV. Amministrazzjoni li ttrispjondi

Id-“disponibbiltà tas-servizzi elettroniċi tal-Gvern” hija ogħla mill-medja tal-UE b'mod sinifikanti. B'95% tal-20 servizz bażiku disponibbli fuq l-internet (u biss 59% fil-medja fl-UE) Malta hija attwalment t-tieni l-aħjar fil-klassi, maqbuża biss mill-Awstrija. Dwar il-kundizzjonijiet ta' tnedija, is-sitwazzjoni hija ftit iktar imħallta: iż-żmien ta' tnedija huwa ta' 5-8 jum konformi mal-medja tal-UE ta' 7.7 iżda xorta barra mill-mira ta' tlett ijiem ifformolati u miftehmin fil-laqqgħa ta' Diċembru 2009 tal-Kunsill Ewropew. L-ispejjeż ta' tnedija huma orħos f'Malta milli fl-UE bħala medja (210 euro versus 417 euro), iżda xorta jidher li hemm kwistjonijiet bil-one-stop shop li għadu mhux kompletament operazzjonali għall-intrapriżi u s-setturi kollha².

² Kull informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' tnedija joriġinaw mis-sorsi tad-DĠ ENTR stess ikkompilati fil-qafas tal-proċess ta' “Liżbona”. Ebda dejta riċenti mill-Bank Dinji dwar il-kundizzjonijiet ta' tnedija mhi disponibbli għal Malti.



V. Akkwisti pubbliċi u għajnuna mill-istat

Hemm biss indikatur wieħed x'jiġi rrapportat: Il-proporzjon tal-għajnuna totali mill-Istat iddedikat lill-SMEs (1 %), huwa konsiderevolment iktar baxx mill-medja tal-UE ta' (10 %).

VI. Finanzjament

Għal darba oħra, dan huwa qasam bi ftit li xejn indikaturi disponibbli għal Malta. Filwaqt li dan jeskludi analiżi komprensiva, l-indikaturi li ma jeżistux ma jippuntawx lejn sitwazzjoni partikolarment "ideali":

Pereżempju, is-sehem ta' SMEs Maltin li kellhom problema bl-aċċess għall-finanzjament fl-aħħar snin huwa ta' 35 %, li huwa konsiderevolment ogħla mill-medja tal-UE ta' 21 %. Barra minn hekk, il-perċentwal ta' intrapriżi jindika li l-aċċess faċli għal mezzi ta' finanzjament jiżgura bl-aqwa mod l-iżvilupp tal-kumpanija huwa eżatt fuq il-livell tal-medja tal-UE-27.

Fl-istess ħin, ukoll fir-rigward tal-indikaturi tal-politika Malta ma għandhiex punteġġ favorevoli meta kkumparat mal-medja tal-UE bħal, per eżempju, il-qsim ippjanat tal-Fondi Strutturali ddedikati għall-istimolu tal-intraprenditorija u l-SMEs fl-2007-2013 li huwa taħt il-medja tal-UE.

VII. Suq waħdieni

Il-punteġġ globali għal dan il-prinċipju SBA jqiegħed lil Malta "l fuq mill-medja tal-UE". Dan huwa l-iktar minħabba punteġġi tajbin fuq it-terminu medju ta' traspożizzjoni għal direttivi li jkunu għandhom ma ġewx trasposti u s-sehem ta' importazzjonijiet mill-UE fl-importazzjonijiet totali (Malta: 73 %, UE: 67). Din is-sitwazzjoni pożittiva hija msaħħa mill-fatt li l-perċentwali ta' direttivi tas-Suq Waħdieni li huma trasposti jew innotifikati u s-sehem ta' direttivi li jkunu għandhom ma ġewx trasposti sentejn wara kemm suppost, huma fuq l-istess livell tal-medja tal-UE.

VIII. Filit u innovazzjoni

Dan huwa qasam fejn is-sitwazzjoni tad-dejta f'Malta hija komparattivament tajba³. Madankollu, il-prestazzjoni relatata tal-indikaturi individwali li jifdal tissuġġerixxi li tali medja tista' wisq probabbilment tkun taħt il-medja tal-UE, minħabba li hawn jiġu kklassifikati 5 mit-8 indikaturi. Kważi l-indikaturi ta' innovazzjoni kollha jagħtu riżultati iktar baxxi mill-medja tal-UE (sehem ta' SMEs li għandhom fatturat minn prodotti jew servizzi ġodda jew imtejbin b'mod sinifikanti, sehem ta' SMEs innovattivi li jikkoperaw ma' oħrajn, sehem ta' SMEs b'attivitajiet ta' innovazzjoni u perċentwali

ta' intrapriżi li xtraw minn fuq l-internet matul l-aħħar sena tal-kalendarju), bil-perċentwali tal-intrapriżi li rċewew ordnijiet fuq l-internet bħala l-unika eċċezzjoni konformi mal-medja tal-UE.

Fil-qasam tal-filit, ma jidherx li hemm wisq differenza. Filwaqt li s-sehem ta' SMEs li jużaw applikazzjonijiet ta' taġġim elettroniku għat-taħriġ u l-edukazzjoni tal-impjegati huwa fuq il-livell tal-medja tal-UE-27, is-sehem ta' persunal tal-SMEs li għandhom edukazzjoni terzjarja min-naħa l-oħra jikklassifika taħt il-medja tal-UE-27.

IX. Ambjent

L-iż-żewġ indikaturi ma jiżvelawx tendenza ċara: filwaqt li s-sehem ta' SMEs li japplikaw miżuri simili biex ma jaħlux enerġija (30 %) huwa fuq l-istess livell tal-medja tal-UE-27 (29 %), is-sehem ta' SMEs li għandhom sistemi komprensivi għall-effiċjenza tal-enerġija min-naħa l-oħra huwa komparattivament iktar baxx (Malta: 3 %, UE: 4.25 %).

X. Internazzjonalizzazzjoni

Filwaqt li hemm sitt indikaturi disponibbli, dawn ma kinux biżżejjed biex tiġi kkalkulata medja għas-sezzjoni. L-indikaturi individwali jiżvelaw stampa diversa mhux f'ħażin għal Malta: l-iktar żewġ indikaturi importanti jagħtu valuri ogħla mill-medja tal-UE b'mod sinifikanti. Is-sehem ta' inputs mixtrija minn barra l-pajjiż huwa, per eżempju, ogħla iktar mid-doppju (Malta: 46 %, UE: 19 %) u l-perċentwali ta' SMEs li kellhom xi importazzjonijiet taġġim stess fl-2006-2008 kienet ta' 73 % tal-SMEs f'Malta filwaqt li kienet 19 % biss għall-UE. Il-prestazzjoni min-naħa tal-esportazzjoni kienet inqas impressjonanti: id-dħul totali minn esportazzjonijiet diviżi mill-bejgħ totali, min-naħa l-oħra, kien taħt il-medja tal-UE-27 (Malta: 3 %, UE: 6 %), filwaqt li l-perċentwali tal-SMEs li kellha xi esportazzjonijiet diretti fl-2006-2008 (30 %) hija madankollu fuq l-istess livell tal-medja tal-UE-27. Din l-istampa mħallta għet ikkompletata mis-sehem ta' SMEs li għamlu kwalunkwe dħul minn kumpaniji sussidjarji u/jew intrapriżi konġunti barra mill-pajjiż u s-sehem ta' SMEs li investew barra mill-pajjiż fl-2006-2008 li kienu fuq il-livell tal-medja tal-UE-27.

³ Sfortunatament madankollu, kien minħabba nuqqas ta' wieħed (sehem ta' SMEs li jinnovaw fi f'danhom) mid-9 indikaturi meħtieġa għal medja tas-sezzjoni li din il-medja ma setgħetx tiġi kkalkulata.



3. MALTA: żvilupp tal-implementazzjoni SBA

Din is-sezzjoni tippreżenta evidenza aneddotali dwar it-tendenzi ta' indikaturi individwali fiż-żoni differenti SBA. B'hal f'pajjiżi oħrajn, minħabba nuqqas ta' dejta, mhux possibbli li tiġi pprovduta valutazzjoni ġenerali tal-progress li sar minn Malta fl-oqsma SBA fuq livell iktar aggregat.

I. Intraprenditorija / II. It-Tieni opportunità / III. Aħseb l-ewwel fiż-żgħir

Għal dawn il-prinċipji ma kienx hemm biżżejjed dejta SBA disponibbli għal Malta.

IV. Amministrazzjoni li tirrispondi

Hemm żewġ indikaturi biss x'jiġu rappurtati: Id-disponibilità tas-servizzi elettroniċi tal-Gvern żdiedet b'mod sinifikanti bejn l-2004 u l-2007 (minn 40% tas-servizzi bażiċi kompletament disponibbli fuq l-internet sa 95%), u b'hekk titla' wkoll 'il fuq minn taħt il-medja tal-UE għal wieħed mill-aħjar riżultati fi ħdan l-UE fuq dan l-indikatur.

V. Akkwisti pubbliċi u għajjuna mill-istat

Is-sehem ta' għajjuna totali mill-Istat assenjat lill-SMEs baqa' kostanti matul l-2000-2007 b'1%, u huwa għalhekk wieħed mill-iktar baxxi fi ħdan l-UE.

VI. Finanzjament

L-indikatur singolu li għalih serje ta' żmien ta' tliet snin jew iktar hija disponibbli, jiġifieri d-differenza bejn il-livelli tar-rata tal-imgħax bejn self sa miljun euro u dawk ogħla minn dak il-livell żdiedet gradwalment minn 0.15% fl-2007 sa 1.09% fl-2009, li jimplika ebusija relattiva tal-kundizzjonijiet ta' rfinanzjament għall-SMEs meta kkumparata ma' intrapriżi iktar.

VII. Suq waħdieni

Kemm is-sehem ta' importazzjoni mill-UE fl-importazzjonijiet totali u s-sehem ta' esportazzjonijiet għall-UE fl-esportazzjonijiet totali baqgħu kostanti matul il-perijodu 2001-2008, b'dan tal-aħħar ipoġġi lil Malta kontinwament fl-ewwel pożizzjoni tal-UE fuq dan l-indikatur.

VIII. Filit u innovazzjoni

Hemm tliet indikaturi f'din is-sezzjoni b'dejta dwar is-serje ta' żmien, li kollha kemm huma jirrelataw mal-użu tat-teknoloġiji tal-IT fin-negozji. Flimkien jiffurmaw stampa ta' staġnar iktar minn ta' progress dinamiku: Fil-qasam tal-filit, is-sehem ta' SMEs li użaw applikazzjonijiet tat-tagħlim elettroniku għal taħriġ u edukazzjoni tal-impjegati tagħhom baqa' bejn wieħed u ieħor fuq l-istess livell matul il-perijodu 2003-2008 (b'xi ffit varjazzjoni fin-nofs). Fl-2003, 26% tal-SMEs użaw applikazzjonijiet tat-tagħlim elettroniku u fl-2005 dan naqas għal 19%. Fil-perijodu 2006 sal-2008, is-sehem l-ewwel żdied minn 22% sa 47%, iżda fl-2008 dan reġa' naqas għal 25%. Barra minn hekk, il-perċentwali ta' intrapriżi li rċevew ordnijiet minn fuq l-internet baqa' kostanti. Il-perċentwali ta' intrapriżi li xtraw minn fuq l-internet min-naħa l-oħra naqas b'mod sinifikanti minn 34% fl-2005 sa 13% fl-2008.

IX. Ambjentn / X. Internazzjonalizzazzjoni

Għal dawn il-prinċipji SBA ma kienx hemm biżżejjed dejta disponibbli għall-Malta għas-serje ta' żmien.



4. Żviluppi tal-politika 2007-2009

FI-2007-2009, Malta bdiet azzjonijiet f'disa' oqsma SBA. Xi wħud mill-azzjonijiet jistgħu joqogħdu taħt iktar minn prinċipju SBA wieħed. Madankollu, kull miżura tissemma' darba biss. Meta l-politiki jiġu f'pakketti, jiġifieri pakkett ta' riforma ġenerali, l-elementi rilevanti huma inklużi taħt l-iktar prinċipju SBA loġiku. L-iżviluppi tal-politika li ġejjin huma l-iktar sinifikanti:

I. Intraprenditorija

Il-Malta Enterprise hija l-aġenzija responsabbli għall-promozzjoni tal-investment barra mill-pajjiż u l-iżvilupp industrijali f'Malta. Il-Malta Enterprise qiegħda tmexxi diversi skemi li waħda minnhom hija speċifikament immirata li tappoġġa t-tnedijiet, speċjalment it-tnedijiet innovattivi. Din l-iskema, intitolata "L-Iskema FERŻ ta' Għotja Żgħira ta' Tnedija" tagħmel parti mill-pakkett industrijali ta' 20 miljun euro. L-avviż legali intolat "Regolamenti għall-Assistenza ta' Intrapriżi ta' Daqs Żgħir u MedjuŻgħar u ta' daqs Medju, 2008 (A.L. 69 tal-2008)", maħruġ taħt l-Att dwar il-Malta Enterprise, jipprovi l-bażi legali ta' din l-inċentiva. L-iskop wara din l-iskema huwa li jingħata appoġġ lill-intrapriżi ġodda li tradizzjonalment jiffaċċjaw iktar diffikultajiet mill-intrapriżi stabbiliti. Waħda mill-iktar fażijiet kritiċi li jiltaqgħu magħha l-kumpaniji ġodda kollha hija d-dewmien bejn l-investment inizzjali u t-tqabbil tal-influssi finanzjarji ġenerati permezz tal-bejgħ. Din l-iskema mmirat li tappoġġa l-formazzjoni ta' intrapriżi ġodda li jżidu valur għoli billi jiffinanzjaw parzjalment l-ispejjeż inizzjali operazzjonali tagħhom.

FI-2009, Skema ta' Għotja tal-Kunsill lokali ġiet stabbilita b'baġit totali ta' 100 000 euro sabiex tappoġġa l-kunsilli lokali għall-inizjattivi li jinkoraġġixxu l-intraprenditorija.

II. It-tieni opportunità

Ma ġewx irrappurtati inizjattivi ta' politika.

III. Aħseb l-ewwel fiż-żgħir

FI-2007, Malta qabliet li tnaqqas il-piż amministrattiv bi 15% sal-2012. Tnieda studju pilota li jiffoka fuq il-proċeduri tal-VAT u l-liġi tal-Kumpaniji.

IV. Amministrazzjoni li tirrispondi

Bħala riżultat tal-Avviż Legali 354 tal-2008, ir-rati applikati mill-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) għar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji tnaqqsu għal intrapriżi żgħar u żdiedu dħal dawk kbar. Il-ħlas applikat għal kumpaniji żgħar "b'kapital azzjonarju awtorizzat sa 1 500 euro," tnaqqsu minn 349 euro għal 245 euro (tnaqqis ta' 30%). Fil-każ ta' reġistrazzjonijiet ippreżentati elettronikament, dan il-ħlas kompli jitnaqqas għal 210 euro (jiġifieri, tnaqqis globali ta' 40%). Bl-istess mod, għall-kumpaniji bl-istess kapital azzjonarju il-ħlas għall-Prospett Annwali tagħhom tnaqqas minn 163 euro għal 100 euro, li jammonta għal tnaqqis ta' 38% (u 85 euro jew 47% inqas, jekk ippreżentat elettronikament).

V. Akkwisti pubbliċi u għajnuna mill-istat

Id-Dipartiment tal-Kuntratti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi nieda websajt ġdida f'Novembru 2008. Il-kuntratti kollha, kif ukoll informazzjoni dwar il-proċess tal-akkwisti, jiġu ppubblikati fuq din il-websajt. Is-sistema tippermetti wkoll l-użu tal-posta elettronika u avviżi bl-sms li jinformat lin-negozji dwar kuntratti ġodda.

Id-Dipartiment tal-Kuntratti organizza numru ta' korsijiet fl-2007 b'mod konġunt mal-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Persunal (SDO) u d-Diviżjoni tal-Koordinazzjoni tal-Ippjanar u l-Prijoritajiet (PPCD) u spjega fid-dettall il-proċeduri ta' akkwisti pubbliċi.

Il-Malta Enterprise (l-aġenzija tal-Gvern għall-implementazzjoni tal-politika tal-intrapriżi) attwalment tmexxi servizz ta' avviż tal-offerti – indipendenti minn dak imsemmi qabel immexxi mid-Dipartiment tal-Kuntratti – li jinforma dwar is-sejthiet għal akkwisti pubbliċi minn Stati Membri tal-UE u lil hinn. L-iskema attwali tal-avviżi tal-offerti li telenka l-offerti kollha ppubblikati fi ħdan l-Unjoni Ewropea u tinforma lill-partijiet interessati skont kif ikun meħtieġ, tnediet fl-2004 u ġiet riċentement imtejba biex toffri servizz aħjar għall-offerenti potenzjali.

VI. Finanzjament

Il-Malta Enterprise introduċiet fl-2007 proġett pilota msejjaħ "Finanzjament Royalty". B'din l-inizjattiva, l-SMEs involuti fi proġett ta' negozju innovattiv ħafna sempliċement jagħtu b'rahan biċċa mill-bejgħ futur għal ħlas bil-quddiem ipprovdut mill-investitur. Il-miżura tipprovi aċċess għal finanzjament għall-proġetti tal-SMEs li huma kkunsidrati wisq perikolużi għal appoġġ permezz tas-self. Permezz tal-finanzjament royalty, l-SME tħallas lill-investitur perċentwal tal-bejgħ jew tal-profitti gross minflok ħlas ta' dejn fix-xahar jew proprjetà ta' ekwità fin-negozju. Il-Finanzjament Royalty issa huwa offrut permezz tal-'Iskema Innovattiva ta' Kumpaniji Ġodda' li ġiet mnedija mill-Malta Enterprise f'Jannar 2008. Żewġ livelli ta' Finanzjament Royalty huma offruti: 1) għal SMEs kkunsidrati bħala Kumpaniji Ġodda Innovattivi massimu ta' 50 000 euro huma offruti u 2) għal SMEs kkunsidrati bħala Kumpaniji Ġodda Bbażati fuq it-Tagħrif u Innovattivi Ħafna massimu ta' 100 000 euro huwa offrut.



VII. Suq waħdieni

Id-Diviżjoni tal-Kummerċ hija korp pubbliku maħsub biex jassisti n-negozju u jiffaċilita l-kummerċ filwaqt li jipprovdi l-infrastruttura meħtieġa biex jinkoraġġixxi s-sigurtà, l-użu u r-rispett tad-drittijiet tal-proprejtà intellettwali. Id-Direttorat tan-Negozzi Żgħar u tas-Snajja' fi ħdan id-Diviżjoni tal-Kummerċ huwa punt ċentrali fejn dawk li jaħdmu għal rashom u SMEs jistgħu jressqu ilmenti. FI-2007, dan id-Direttorat beda jopera bħala Ċentru SOLVIT kif ukoll is-Sistemi ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI).

VIII. Fihiet u innovazzjoni

Il-Malta Enterprise tipprovdi assistenza lill-SMEs li jixtiequ japplikaw għall-finanzjament li ġej mis-7 Programm ta' Qafas matul l-istadji preparatorji tal-proġetti (*Inċentiva ta' Għotja Esploratorja*). Barra minn hekk, il-Malta Enterprise tiffinanzja l-ispiża tal-ewwel 10 sigħat ta' konsultazzjoni, filwaqt li tappoġġa 65% tal-ispiża ta' sigħat żejda (*Inċentiva għas-Servizzi ta' Konsulenza dwar in-Negozju*).

Il-Malta Enterprise tassisti lill-SMEs biċ-ċertifikazzjoni ISO. Dan jinkiseb permezz ta' finanzjament parzjali (40% sa 50%, skont id-daqs tal-kumpanija) tal-ispiża li ssir biex jinkiseb iċ-ċertifikat ISO. L-appoġġ huwa ffinanzjat taħt l-iskemi ta' għotja Azzjonijiet Innovattivi tal-FERŻ immedja fl-2009.

IX. Ambjent

L-iskema ta' għotja għal Azzjonijiet Innovattivi tal-FERŻ tnediet f'Diċembru 2008. L-iskema ta' Għotja għal Azzjonijiet Innovattivi tal-FERŻ (Ambjent) tappoġġa Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs) li jinvestu fi proġetti maħsuba biex itejbu l-prestazzjoni ambjentali permezz tal-innovazzjonijiet ekoloġiċi. L-iskema ser tikkofinanzja l-ispejjeż ta' ċertifikazzjoni, l-ispejjeż ta' liċenzjar tat-teknoloġija

u l-ispejjeż ta' investiment fl-assi tanġibbli u intanġibbli. L-avviż legali intitolat Regolamenti għall-Assistenza għal Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju, 2008 (A.L. 69 tal-2008), maħruġ taħt l-Att dwar il-Malta Enterprise, jipprovdi l-bażi legali ta' din l-inċentiva. Il-Linja Gwida għall-Iskema ta' Għotja għal Azzjonijiet Innovattivi tal-FERŻ (Ambjent) hija l-pubblikazzjoni uffiċjali li tirregola din l-inċentiva. Il-Linja Gwida għall-Inċentiva tinkludi dettalji dwar l-eliġibbiltà, ir-regolamenti tal-Għajnuna tal-Istat u l-valur tal-għajnuna li tista' tingħata taħt din l-inċentiva.

X. Internazzjonalizzazzjoni

L-iskema ta' Għotja tal-Kompetittività Internazzjonali FERŻ li tnediet f'Diċembru 2008 tappoġġa lill-intrapriżi biex jespandu fi swieq ġodda internazzjonali. Din l-iskema tirrimborsa 50% tal-ispejjeż tal-marketing, l-ispejjeż tal-fiera tal-kummerċ, iċ-ċertifikazzjoni tal-prodott, u l-ispejjeż tal-paga ta' maniġer tal-iżvilupp tan-negozju bħala parti minn proġett speċifikat ta' internazzjonalizzazzjoni. L-avviż legali intitolat Regolamenti għall-Assistenza għal Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju, 2008 (A.L. 69 tal-2008), maħruġ taħt l-Att dwar il-Malta Enterprise, jipprovdi l-bażi legali ta' din l-inċentiva. Il-Linja Gwida għall-Iskema ta' Għotja tal-Kompetittività Internazzjonali tal-FERŻ hija l-pubblikazzjoni uffiċjali li tirregola din l-inċentiva. Il-Linja Gwida għall-Inċentiva tinkludi dettalji dwar l-eliġibbiltà, ir-regolamenti tal-Għajnuna tal-Istat u l-valur tal-għajnuna li tista' tingħata taħt din l-inċentiva. L-iskop ta' din l-inċentiva huwa li tappoġġa l-SMEs sabiex jiżviluppaw il-kompetittività internazzjonali tagħhom u b'hekk joffru l-prodotti u s-servizzi tagħhom għal swieq internazzjonali oħrajn. L-iskema ta' Għotja tal-Kompetittività Internazzjonali tal-FERŻ tagħmel parti mill-20 miljun euro għall-Pakkett tal-Industrija.



5. Prattika tajba

Sabiex turi l-isforzi tal-gvern biex jipromwovi l-SMEs, l-informazzjoni statisika tal-karta ta' fatti hija mogħnija b'eżempju ta' prattika tajba fil-politika tal-SMEs.

Eżempju ta' prattika tajba fil-politika Maltija tal-SMEs

Titlu tal-iskema: L-Iskema ta' Għotja tal-Kompetittività Internazzjonali tal-FERŻ

Din l-iskema hija mmexxija mill-Malta Enterprise, Aġenzija tal-Gvern responsabbli għall-promozzjoni tal-investiment barrani u tal-iżvilupp industrijali f'Malta.

L-iskop huwa li jingħata appoġġ lill-intrapriżi sabiex jidħlu fis-swieq ġodda internazzjonali. Bażikament, l-iskema tiffinanzja sa 50% tal-ispejjeż li jintefqu għal servizzi ta' traduzzjoni minn/għas-suq fil-mira, materjal ta' marketing, spejjeż li jwasslu għal ċertifikazzjoni tal-prodotti, proċessi u servizzi, parteċipazzjoni f'avvenimenti promozzjonali internazzjonali u l-ispejjeż tal-paga ta' maniġer tal-iżvilupp tan-negozju li jkun għadu kemm jiġi ngaġġat. Il-proġett huwa amministrat permezz ta' sejħa kompetittiva.

L-iskema tal-politika għebet magħha diversi riżultati, bażikament f'termini ta' żieda notevoli fin-numru ta' kumpaniji Maltin li jidħlu fi swieq internazzjonali. Fil-fatt, hija waħda mill-iktar skemi nazzjonali importanti fil-kuntest tal-SMEs u l-internazzjonalizzazzjoni.



Annex I: Indikaturi SBA magħżula għal Malta

Kull dimensjoni ta' ċart radar ippreżentata fis-sezzjoni 2 tikkorrispondi għal wieħed mill-10 prinċipji tal-Att dwar in-Negozju Żgħir. Kull prinċipju SBA fih raggruppament tal-indikaturi statistiċi l-iktar riċenti u disponibbli li jispjegaw il-valur għal dak il-prinċipju. L-ċart hija simili għal dik ippubblikata fl-2008, iżda ġiet ikkometata b'indikaturi addizzjonali u aġġornata b'dejta iktar reċenti. Sar sforz biex tiġi dejjem inkluża l-iktar dejta riċenti, li normalment ifisser dejta li tirreferi għas-sena 2008. L-armonizzazzjoni (komparabbiltà madwar il-pajjiżi) kienet ir-rekwiżit ewlieni sabiex jiġu inklużi l-indikaturi. Għalhekk l-indikaturi ġejjin minn varjetà ta' sorsi internazzjonali (jekk jogħġbok ara hawn taft), iktar minn istituti nazzjonali ta' statistika. Barra minn hekk, sabiex jikkwalifika għal prinċipju SBA, indikatur għandu jkun disponibbli jew għal numru minimu ta' pajjiżi jew ikopri perċentwal minimu ta' SMEs fil-pajjiżi kollha. Jekk jogħġbok irreferi għan-Nota Metodoloġika fuq il-websajt tad-DĠ Intrapriża u Industrija għal iktar dettalji dwar il-metodoloġija applikata. Deskrizzjoni dettaljata tal-varjabbli u sorsi tagħhom kollha huma ppreżentati hemm ukoll.

Indikatur	L-aħħar valur assolut tal-pajjiż	Il-medja tal-UE għall-valur assolut*	Sena ta' referenza għall-valur tal-pajjiż	Sors
I. INTRAPRENDITORIJA				
1.1 Xewqa li persuna taħdem għal rasha	33.00	30.71	2007	Flash Eurobarometer 192
1.2 Rata ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni tal-intraprenditorija	26.60	32.33	2007	Flash Eurobarometer 192
1.3 L-intraprenditorija bħala opportunità	62.00	57.48	2007	Flash Eurobarometer 192
1.4 Ir-rata ta' intraprenditorija: perċentwal ta' dawki li bdew negozju li għadu attiv jew li fil-preżent qed jieħdu passi biex jifftu wieħed	5.00	23.72	2007	Flash Eurobarometer 192
1.5 Ammont kemm l-edukazzjoni fl-iskola għenet biex tiġi żviluppata l-attitudni intraprenditorjali (%)	66.00	52.77	2007	Flash Eurobarometer 192
1.9 Rata ta' sopravivenza tal-intrapriża	n/a	70.94	n/a	Database tal-Eurostat dwar id-Demografija tan-Negozji
1.10 Rata ta' twelid ta' intrapriżi	n/a	10.37	2005	Database tal-Eurostat dwar id-Demografija tan-Negozji
1.11 Sehem ta' intrapriżi bi tkabbir kbir (% tat-total)	n/a	4.30	n/a	Eurostat
1.12 Rata ta' sjieda tan-negozju: Settur privat għajr agrikoltura, kaċċa, forestrija u sajd	n/a	0.11	n/a	Riċerka dwar in-Negozji u l-Politika tal-EIM
1.13 Indiċi Totali tal-Attività Intraprenditorjali	n/a	5.85	n/a	Monitor Globali tal-Intraprenditorija
1.16 Proporzjon ta' opportunità għal intraprenditorija ta' neċessità	n/a	6.24	n/a	Monitor Globali tal-Intraprenditorija
II. IT-TIENI ĊANS				
2.1 Ammont ta' appoġġ għall-konċessjoni tat-tieni ċans (% favur)	77.00	79.80	2007	2007 Flash Eurobarometer dwar l-Intraprenditorija
2.2 Spiża (% tal-bini) biex jingħalaq negozju	n/a	10.72	n/a	World Bank Doing Business
2.3 Numru ta' snin biex jingħalaq negozju	n/a	2.09	n/a	World Bank Doing Business



Indikatur	L-aħħar valur assolut tal-pajjiż	Il-medja tal-UE għall-valur assolut*	Sena ta' referenza għall-valur tal-pajjiż	Sors
III. L-EWWEL AĦSEB ŻĠĦIR				
3.1 Sehem ta' appoġġ fost SMEs għal regolamenti attwali	36.00	34.33	2007	Osservatorju tal-SMEs Ewropej
3.2 Ħin meħtieġ għall-konformità mal-obbligi amministrattivi (% ta' ħin totali ta' ħidma tal-SME)	3.00	7.48	2007	Osservatorju tal-SMEs Ewropej
3.3 Problemi b'regolamenti amministrattivi	42.90	32.68	2007	Osservatorju tal-SMEs Ewropej
IV. IR-RISPONS MIN-NAĦA TAL-AMMINISTRAZZJONI				
4.1 Numru ta' jiem biex tiftaħ negozju	n/a	17.20	n/a	World Bank Doing Business
4.2 Spejjeż meħtieġa biex tiftaħ negozju (% ta' dħul kull ras)	n/a	5.21	n/a	World Bank Doing Business
4.6 Spiża (% tal-valur tal-proprjetà) biex tirreġistra proprjetà	n/a	4.54	n/a	World Bank Doing Business
4.7 Kuntratti ta' infurzar – spiża (% tat-talba)	n/a	19.80	n/a	World Bank Doing Business
4.8 Disponibilità tal-e-gvern (naħa tal-provvista) – Disponibilità online tal-e-gvern	95.00	59.48	2007	Eurostat
4.10 Numru ta' proċeduri biex tiftaħ negozju	n/a	6.16	n/a	World Bank Doing Business
4.14 Numru ta' proċeduri biex tirreġistra proprjetà	n/a	5.16	n/a	World Bank Doing Business
4.15 Numru ta' jiem biex tirreġistra proprjetà	n/a	61.12	n/a	World Bank Doing Business
V. AKKWISTI PUBBLIĊI U GĦAJNUNA STATALI				
5.1 Sehem ta' SMEs f'termini ta' valur tal-kuntratti ta' akkwisti pubbliċi	n/a	n/a	n/a	Rapport tal-KE
5.2 Proporzjon ta' għajnuna Statali totali allokata għall-SMEs	1.00	10.60	2007	State aid scoreboard
VI. FINANZI				
6.1 Kapital issograt (Venture capital) – fażi bikrija relattiv għall-PDG	n/a	0.02	n/a	EVCA
6.2 Kapital issograt (Venture capital) – fażi ta' espansjoni relattiv għall-PDG	n/a	0.08	n/a	EVCA
6.3 Ammont ta' garanziji għall-SMEs (relattiv għall-PDG)	n/a	0.24	n/a	Indiċi tal-finanzi tal-intrapriżi
6.4 Ksib ta' kreditu: Saħħa tal-indiċi tad-drittijiet legali (0-10)	n/a	6.64	n/a	World Bank Doing Business
6.5 Ksib ta' kreditu: Profondità tal-indiċi tal-informazzjoni ta' kreditu (0-6)	n/a	4.52	n/a	World Bank Doing Business
6.6 Differenza fil-livelli tar-rati ta' imgħax bejn self sa Eur 1 miljun u self ta' aktar minn EUR 1 miljun	1.09	1.00	2009	Statistiċi tar-rati ta' imgħax tal-MFI tal-BĊE
6.9 Dewmien medju fil-ħlasijiet (% sehem ta' jiem medji tal-kuntratt)	n/a	16.41	n/a	Intrum Justitia
6.10 Sehem ta' pagamenti mitlufa (% tat-total)	n/a	2.50	n/a	Intrum Justitia
6.11 Sehem ta' SMEs li jesperenzaw problemi bl-aċċess għall-finanzi	34.70	21.06	2007	Osservatorju tal-SMEs Ewropej



Indikatur	L-aħħar valur assolut tal-pajjiż	Il-medja tal-UE għall-valur assolut*	Sena ta' referenza għall-valur tal-pajjiż	Sors
VII. SUQ WAĦDIENI				
7.1 Dewmien medju fit-traspożizzjoni f'xhur għal direttivi li ilhom dovuti – f'xhur	6.10	9.86	2007	DĠ MARKET
7.2 Direttivi dwar is-suq uniku – % trasposti jew innotifikati	99.10	98.96	2007	Scoreboard tas-suq intern
7.3 Numru ta' direttivi li ilhom sentejn dovuti	1.00	2.28	2007	Scoreboard tas-suq intern
7.4 Sehem ta' SMEs li jespertaw għewwa l-UE minn forst l-SMEs kollha (f'termini ta' numru ta' intrapriżi)	n/a	0.03	n/a	Pilota tan-negozju estern tal-Eurostat
VIII. HILJET U INNOVAZZJONI				
8.1 Perċentwal ta' intrapriżi li xtraw online tul l-aħħar sena kalendarja (SMEs: bejn 10-250 impjegat)	13.00	23.52	2008	Xjenza u teknoloġija tal-Eurostat
8.2 Perċentwal ta' intrapriżi li rċew ordnijiet online tul l-aħħar sena kalendarja (SMEs: bejn 10-250 impjegat)	12.00	12.81	2008	Xjenza u teknoloġija tal-Eurostat
8.3 SMEs li jirrinovaw irwieħhom internament, bħala perċentwal tan-numru totali ta' SMEs (10-250 impjegat)	n/a	30.33	Qabel l-2005	EUROSTAT, CIS
8.4 Intrapriżi li introduċew innovazzjoni organizzattiva u/jew ta' marketing, bħala perċentwal tan-numru totali ta' SMEs (10-250 impjegati)	21.19	27.28	2006	EUROSTAT, CIS
8.5 SMEs innovattivi li jikkooperaw ma' oħrajn, bħala perċentwal tan-numru totali ta' SMEs (10-250 impjegat)	5.70	11.62	2006	EUROSTAT, CIS
8.6 SMEs b'attivitajiet ta' innovazzjoni (10-250 impjegat)	26.00	35.59	2006	EUROSTAT, CIS
8.7 Sehem ta' SMEs li għandhom prodotti ġodda jew dħul minn prodotti ġodda:	66.70	63.77	2007	Osservatorju tal-SMEs Ewropej
8.8 Sehem tal-fatturat tal-SMEs minn prodotti u servizzi ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti	9.00	12.30	2007	Osservatorju tal-SMEs Ewropej
8.9 Sehem ta' personal ta' SME li għandu edukazzjoni terzjarja	21.00	30.44	2007	Osservatorju tal-SMEs Ewropej



Indikatur	L-aħħar valur assolut tal-pajjiż	Il-medja tal-UE għall-valur assolut*	Sena ta' referenza għall-valur tal-pajjiż	Sors
IX. AMBJENT				
9.1 % Sehem ta' SMEs li għandhom sistemi komprensivi għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija	3.00	4.26	2007	Osservatorju tal-SMEs Ewropej
9.2 % Sehem ta' SMEs li japplikaw miżuri sempliċi biex jiffrankaw l-enerġija:	30.00	28.44	2007	Osservatorju tal-SMEs Ewropej
X. INTERNAZZJONALIZZAZZJONI				
10.1 Sehem tal-fatturat mill-esportazzjoni (% tat-total)	3.00	5.58	2006	Osservatorju tal-SMEs Ewropej
10.2 Sehem ta' SMEs li kisbu xi dħul minn sussidjarji u/jew negozju bi sħab barra mill-pajjiż (%)	3.70	4.76	2006	Osservatorju tal-SMEs Ewropej
10.4 Numru ta' jiem meħtieġa għall-esportazzjoni	n/a	11.25	n/a	World Bank Doing Business
10.5 Numru ta' jiem meħtieġa għall-importazzjoni	n/a	13.44	n/a	World Bank Doing Business
10.6 Sehem ta' SMEs li jseportaw barra mill-UE-27 fost l-SMEs kollha (f'termini ta' numru u intrapriżi)	n/a	n/a	n/a	Pilota tan-negozju estern tal-Eurostat
10.10 Intrapriża SME kellha xi importazzjonijiet tagħha stess fl-2006-2008	73.27	39.17	2008	Studju tad-DĠ ENTR dwar l-Internalizzazzjoni tal-SMEs
10.11 Intrapriża SME kellha xi esportazzjonijiet diretti fl-2006-2008	29.99	27.13	2008	Studju tad-DĠ ENTR dwar l-Internalizzazzjoni tal-SMEs
10.12 Intrapriża SME investiet barra fl-2006-2008	4.72	3.68	2008	Studju tad-DĠ ENTR dwar l-Internalizzazzjoni tal-SMEs

Nota: L-indikaturi ta' għażla t'hawn fuq jikkostitwixxu kampjun tad-dejta użata għall-bini taċ-ċart radar għal dan il-pajjiż. Hawn mill-indikaturi ċitati fuq – iżda mhux kollha – intużaw biex jikkalkolaw il-medji tas-sezzjoni li huma enfażizzati fiċ-ċart. Għandu jiġi nnotat li mhux l-indikaturi kollha jiġu b'valuri aġġornati kull sena.